# Il-Ħadd 24.03.2019

1. Matul din il-ġimgħa ma jsirx Tberik.

2. It-Tnejn 25/03, **Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej - Il-Lunzjata**:
   - Fis-7:15pm ser issir Laqgħa importanti għall-Ġenituri ta' dawk it-tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.

3. It-Tlieta 26/03:
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: L-ewwel laqgħa tal-**Eżerċizzi għal Kulħadd** fil-knisja parrokkjali, li ser ikunu mmexxija mill-Kappillan.

4. Il-Ħamis 28/03:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru r-Redentur tal-Bażilika tal-Isla fejn ikollna Quddiesa, u wara Coffee Morning. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: It-tieni laqgħa tal-**Eżerċizzi għal Kulħadd** fil-knisja.

5. Is-Sibt 30/03:
   - Mill-10:00am sal-5:00pm: Seminar għall-koppji miżżewġa, b'talb, film, ħinijiet ta' riflessjoni, fis-Seminarju tal-Virtù, r-Rabat. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-Kummissjoni Familja sa nhar il-Ħamis (28/03) biex isiru l-preparamenti.

6. Il-Ħadd 31/03, **ir-Raba' Ħadd tar-Randan**:
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, f'Misraħ il-Knisja ser ikun hawn il-Blood Donation Unit sabiex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
   - Il-quddiesa ta' filgħaxija tal-Ħadd tibda tkun fis-6:00pm, ladarba taqleb is-siegħa għall-ħin tas-Sajf.

7. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Illum 24/03, mill-10:00am 'il quddiem f'Misraħ il-Knisja, *Law enforcement and First Responders Open Day* - Attività għall-familja kollha organizzata mill-Kunsill Lokali flimkien ma' *Simon Schembri Blue Light Foundation* bil-parteċipazzjoni ta' 10 entitajiet governattivi. Aktar informazzjoni mill-Kunsill jew minn fuq il-paġna tal-*facebook* tal-Kunsill stess.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 90 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi mill-qalb.